MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 112/2012

**Luigi Agius**

**-vs-**

**Jimmy Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi huwa għandu bi qbiela r-raba' u r-razzett f'Wied il-Buni Limiti ta' Bengħajsa.

Illi minn dejjem kellu dritt tal-passaġġ minn sqaq li jagħti mit-Triq ta' Bengħajsa għal Triq Ħal Far kif indikat fuq il-pjanta annessa Dok A;

Illi l-konvenut għalaq dan l-isqaq u approprja ruħu minnu billi għaqqdu ma’ proprjeta’ tiegħu.

Illi barra minn hekk għamel xatba li rabatha mal-ħajt tar-razzett tal-attur minflok xatba li kien hemm qabel, liema xatba l-attur kellu dritt jgħaddi minnha biex jeżerċita d-dritt ta’ passaġġ ’l fuq imsemmi.

Illi x-xatba li għamel illum il-konvenut hija msakkra u l-attur m’għandux aċċess minnha.

Illi iżjed minn hekk il-konvenut ħawwel diversi siġar li jmissu eżattament mal-ħajt li jifred il-proprjeta’ ta’ bejn il-proprjeta’ tal-konvenut u r-razzett tal-attur, u dan kontra dak li tipprovdi l-liġi dwar distanzi li għandhom jiġu osservati meta jitħawwlu siġar.

Illi dawn is-siġar ġew mħawwla mhux f’dik id-distanza li tgħid il-liġi.

Illi l-fattli l-konvenut ħa sqaq li minnu kien jgħaddi l-attur u l-pubbliku in ġenerali ta’ Bengħajsa juri l-aġir abbusiv tiegħu.

Illi l-attur ipprova jkellem lill-konvenut b’mod amikevoli iżda kien kollu għal xejn u għalhekk ġie kostrett jiftaħ din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut ma kellu l-ebda dritt jgħalaq u japproprja ruħu mill-isqaq li jagħti mit-Triq ta’ Bengħajsa għat-Triq ta’ Ħal Far kif indikat fil-pjanta Dok A;

2. Illi l-konvenut ma kellux dritt ipoġġi x-xatba mal-ħajt tal-proprjeta’ tal-attur u jsakkarha u b’hekk itellef id-dritt tal-passaġġ lill-attur.

3. Illi l-konvenut ħawwel siġar f’distanza mhix premessa bil-liġi;

4. Tordna lill-konvenut jiftaħ l-isqaq imsemmi għall-aċċess tal-attur kif kien qabel;

5. Tordna lill-konvenut imexxi x-xatba li għamel u jreġġagħha għall-post u l-istat li kienet qabel u b'aċċess għall-attur.

6. Tordna lill-konvenut ineħħi s-sigar li għamel qrib il-ħajt li jifred il-proprjeta' tal-attur mill-isqaq li kien hemm qabel (illum mgħaqqad mal-proprjeta' tal-konvenut) li mhumiex fid-distanza li trid il-liġi.

7. Tordna li dawn ix-xogħlijiet isiru fi żmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti taħt superviżjoni ta' perit nominat minnha u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jagħmel dawn ix-xogħlijiet hu a spejjeż tal-konvenut.

8. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2012 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-attur ikkonferma bil-ġurament li s-sitwazzjoni kienet baqgħet l-istess bħal meta ppreżenta l-kawża, *oltre* milli kkonferma wkoll għal darba oħra l-kontenut tar-rikors;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mir-rikors l-attur qed jagħmel diversi talbiet in segwitu għal xi xogħlijiet li għamel il-konvenut fl-ambjenti imsemmija. Id-depożizzjoni tal-attur ma ġietx kontradetta u allura t-talbiet jimmeritaw li jiġu milqugħa fil-kontumaċja tal-konvenut.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u għall-fini tas-seba' talba tipprefiġġi terminu ta' xahar u tinnomina lill-A.I.C. Valerio Schembri biex f'kull każ jissorvelja x-xogħlijiet li għandhom isiru.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġi sopportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------